

# L-**Oppożizzjoni** Demokratika fil-**Venezwela**

## Rebbieħa tal-Premju Sakharov 2017

Mill-1988 'il hawn, il-Parlament Ewropew ta l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb lil individwi jew organizzazzjonijiet li taw kontribut eċċezzjonali għall-ġlieda favur id-drittijiet tal-bniedem.

# L-Oppożizzjoni Demokratika fil-Venezwela

l-Assemblea Nazzjonali (Julio Borges) u l-Priġunieri Politiċi kollha kif elenkati mill-Foro Penal Venezolano, irrappreżentati minn Leopoldo López, Antonio Ledezma, Daniel Ceballos, Yon Goicoechea, Lorent Saleh, Alfredo Ramos u Andrea González

Il-Venezwela ilha bosta snin għaddejja minn kriżi politika. Il-partit fil-gvern kulma jmur illimita dejjem aktar l-istat tad-dritt u l-ordni kostituzzjonali, u f'Marzu 2017 il-Qorti Suprema neżżgħet lill-Assemblea Nazzjonali eletta demokratikament mis-setgħa leġiżlattiva. Julio Borges, il-president tal-Assemblea Nazzjonali, iddeskriva s-sitwazzjoni fil-Venezwela kif ġej: "Il-konfrontazzjoni li għaddejja fil-Venezwela mhijiex biss waħda politika. Hija konfrontazzjoni vitali, eżistenzjali u bbażata fuq il-valuri".

Fl-istess waqt, l-għadd ta' priġunieri politiċi laħaq aktar minn 600, skont l-aħħar rapport tal-Foro Penal Venezolano (Il-Forum Penali tal-Venezwela), organizzazzjoni prominenti tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venzwela li tagħti assistenza legali *pro bono* lil persuni li jkollhom riżorsi ekonomiċi limitati u li jitqies li jkunu ġew detenuti arbitrajament, ittorturati jew attakkati fiżikament waqt dimostrazzjonijiet ta' protesta. Fost il-priġunieri politiċi jingħaddu Leopoldo López, Antonio Ledezma, Daniel Ceballos, Yon Goicoechea, Lorent Saleh, Alfredo Ramos u Andrea González, mexxejja prominenti tal-oppożizzjoni.

Wara li l-mexxej tal-oppożizzjoni tal-Venezwela Leopoldo López temporanjament ingħata d-detenzjoni domiċiljari f'Lulju, wara li kien qatta' aktar minn tliet snin detenut, reġa' ġie ttrasferit fil-ħabs f'Awwissu 2017. Antonio Ledesma, politiku prominenti ieħor tal-oppożizzjoni u eks sindku ta' Caracas, ilu fid-detenzjoni domiċiljari mill-2015, filwaqt li l-kollegi tiegħu u eks sindki Alfredo Ramos, ta' Iribarren, u Daniel Ceballos, ta' San Cristobal, ukoll intefgħu l-ħabs, kif ġralu wkoll l-istudent attivist Lorent Saleh. Żewġ ċittadini Spanjoli, Andrea González u Yon Goicoechea, ukoll jingħaddu fost il-priġunieri politiċi.

Mill-bidu tas-sena 'l hawn, aktar minn 130 esponent tal-oppożizzjoni nqatlu u aktar minn 500 ruħ sfaw arrestati arbitrarjament.

# Andrei Sakharov

Andrei Sakharov (1921-1989) kien fiżiku magħruf, attivist tad-drittijiet tal-bniedem, dissident u promotur ta' riformi fl-Unjoni Sovjetika. Pijunier tal-fiżika nukleari u missier il-bomba tal-idroġenu Sovjetika, Andrei Sakharov kellu 32 sena meta sar membru sħiħ tal-Akkademja tax-Xjenzi Sovjetika. Madankollu, lejn l-aħħar tal-ħamsinijiet, beda jitħasseb dejjem aktar dwar il-konsegwenzi tat-testijiet nukleari u l-implikazzjonijiet politiċi u morali ta' xogħlu, li seta' jwassal għall-mewt ta' mases ta' nies. Fis-sittinijiet, ħa atteġġjament kritiku rigward it-tiġrija tal-armi nukleari, u konsegwentement ġie pprojbit minn kull ħidma fi proġetti militari ultrasigrieti u mneżża' mill-privileġġi li kellu.

Fl-1970, sar wieħed mill-kofundaturi tal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Unjoni Sovjetika, u beda kampanja favur id-drittijiet tal-bniedem u l-vittmi tal-proċessi politiċi. Fl-1972, iżżewweġ lil Yelena Bonner, bħalu attivista tad-drittijiet tal-bniedem. Minkejja dejjem aktar pressjoni min-naħa tal-Gvern, Sakharov mhux biss ipprova jikseb il-ħelsien ta' dissidenti f'pajjiżu, iżda sar ukoll wieħed mill-kritiċi l-aktar qalbiena tar-reġim Sovjetiku, u b'hekk ippersonifika l-kruċjata kontra t-tiċħid tad-drittijiet fundamentali. Fi kliem il-Kumitat tal-Premju Nobel li tah il-Premju għall-Paċi fl-1975, kien "kelliem għall-kuxjenza tal-umanità". Ma tħalliex imur jirċievi l-Premju Nobel personalment, imma la r-ripressjoni u lanqas l-eżilju ma setgħu jegħlbu r-reżistenza tiegħu.

Andrei Sakharov kien eżiljat fil-belt magħluqa ta' Gorky fl-1980, wara li pubblikament ipprotesta kontra l-intervent militari Sovjetiku fl-Afganistan fl-1979. Meta kien fl-eżilju, kien miżmum taħt sorveljanza stretta mill-pulizija. B'rikonoxximent tal-impenn ta' Sakharov tul ħajtu favur id-drittijiet tal-bniedem, fl-1988, il-Parlament Ewropew stabbilixxa premju li jġib ismu. Fi kliem Jean-François Deniau, li mexxa l-inizjattiva, Sakharov kien "ċittadin Ewropew li kien il-personifikazzjoni tal-libertà tal-ħsieb u tal-espressjoni u li kien iddeċieda, minħabba l-konvinzjonijiet u l-kuxjenza tiegħu, li jirrinunzja l-vantaġġi materjali kollha u l-unuri kollha li kienu miftuħin għalih".

# Il-Premju Sakharov

Mogħti għall-ewwel darba fl-1988 lil Nelson Mandela u lil Anatoli Marchenko, il-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb huwa l-ogħla ġieħ li tagħti l-Unjoni Ewropea għall-ħidma favur id-drittijiet tal-bniedem. Dan jagħti rikonoxximent lil individwi, gruppi u organizzazzjonijiet li taw kontribut eċċellenti għall-protezzjoni tal-libertà tal-ħsieb. Permezz tal-premju u n-netwerk assoċjat tiegħu, l-UE tappoġġa lir-rebbieħa, li jħossuhom imsaħħa u mogħtija s-setgħa fl-isforzi tagħhom biex jiddefendu l-kawżi tagħhom.

Il-premju s'issa ngħata lil dissidenti, mexxejja politiċi, ġurnalisti, avukati, attivisti tas-soċjetà ċivili, kittieba, ommijiet, nisa, mexxejja ta' minoranzi, grupp anti-terrorista, attivisti għall-paċi, attivist kontra t-tortura, kartunista, priġunieri tal-kuxjenza li skontaw sentenzi twal, produttur tal-films, in-NU bħala entità u saħansitra tifla li taħdem favur id-dritt għall-edukazzjoni. Il-premju jippromwovi b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni, id-drittijiet tal-minoranzi, ir-rispett tad-dritt internazzjonali, l-iżvilupp tad-demokrazija u l-implimentazzjoni tal-istat tad-dritt.

Il-Parlament Ewropew jagħti l-Premju Sakharov bl-allokazzjoni tiegħu ta' EUR 50 000 waqt seduta plenarja formali fi Strasburgu lejn l-aħħar ta' kull sena. Kull grupp politiku tal-Parlament jista' jinnomina l-kandidati, kif jistgħu jagħmlu wkoll il-Membri individwali (bl-appoġġ ta' mill-inqas 40 Membru għal kull kandidat). Il-persuni nnominati jiġu ppreżentati waqt seduta konġunta bejn il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp u s-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-membri tal-kumitati permanenti kollha jivvutaw għal lista ristretta ta' tliet kandidati. Ir-rebbieħ jew rebbieħa finali tal-Premju Sakharov jiġu magħżula mill-Konferenza tal-Presidenti, li hi korp tal-Parlament Ewropew immexxi mill-president, li jinkludi fih il-mexxejja tal-gruppi politiċi kollha rappreżentati fil-Parlament. Dan jagħmel l-għażla tar-rebbieħa għażla tassew Ewropea.

# Ir-rebbieħa

**2017** L-Oppożizzjoni Demokratika fil-Venezwela

**2016** Nadia Murad u Lamiya Aji Bashar

**2015** Raif Badawi

**2014** Denis Mukwege

**2013** Malala Yousafzai

**2012** Nasrin Sotoudeh u Jafar Panahi

**2011** Ir-Rebbiegħa Għarbija (Mohamed Bouazizi, Ali Ferzat, Asmaa Mahfouz, Ahmed El Senussi u Razan Zaitouneh)

**2010** Guillermo Fariñas

**2009** Memorial (Oleg Orlov, Sergei Kovalev u Lyudmila Alexeyeva f'isem Memorial u d-difensuri l-oħra kollha tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja)

**2008** Hu Jia

**2007** Salih Mahmoud Mohamed Osman

**2006** Aliaksandr Milinkevich

**2005** Damas de Blanco, Hauwa Ibrahim, Korrispondenti Mingħajr Fruntieri

**2004** L-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti tal-Belarussja

**2003** Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Kofi Annan u l-persunal kollu tan-NU

**2002** Oswaldo José Payá Sardiñas

**2001** Izzat Ghazzawi, Nurit Peled-Elhanan, Dom Zacarias Kamwenho

**2000** ¡Basta Ya!

**1999** Xanana Gusmão

**1998** Ibrahim Rugova

**1997** Salima Ghezali

**1996** Wei Jingsheng

**1995** Leyla Zana

**1994** Taslima Nasreen

**1993** *Oslobodjenje*

**1992** Las Madres de Plaza de Mayo

**1991** Adem Demaçi

**1990** Aung San Suu Kyi

**1989** Alexander Dubček

**1988** Nelson Rolihlahla Mandela, Anatoli Marchenko (wara mewtu)



*Andrei Sakharov ma’ martu Yelena Bonner*
*© Yury Rost*

*Ritratt tal-qoxra*
*© EU 2017 - EP/AP Images / Ariana Cubillos*

Print:
ISBN 978-92-846-1888-0
doi:10.2861/200657
QA-06-17-130-MT-C

PDF:
ISBN 978-92-846-1857-6
doi:10.2861/73956
QA-06-17-130-MT-N

**europarl.europa.eu/sakharov**
**#SakharovPrize2017**

Parlament Ewropew